MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## EDWINA GRIMA

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2013

Numru. 631/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sylvana Briffa)**

**vs**

**Margot Vella, 23 sena bint Jason u Maria Carmela nee` Sammut imwielda Pieta` nhar is-07 ta' April, 1990, residenti Windsor, Flat 5, Triq Sant' Anna, Marsaskala detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru 201690M**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputata li giet akkuzata talli fis-17 ta' Gunju, 2013 gewwa Marsaskala, ikkommiettiet serqa ta' mobile phone li l-valur tieghu jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94) ghad-dannu tal-Pauline Piscopo liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja minn din il-Qorti;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputata liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputata inghatat zmien xieraq sabiex tirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputata l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputata hatja tal-akkuza migjuba fil-konfront taghha.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputata, il-fedina penali nadifa taghha u l-fatt illi l-imputata ikkoperat mal-pulizija fl-investigazzjonijiet taghhomu u l-mobile mehud gie ritornat lil sidu.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li l-artikoli 261(c). 267 u 279(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputata hatjai tal-akkuza migjuba fil-konfront taghha izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b-applikazzjoni ta’ l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qed tillibera lill-imputata bil-kondizzjoni li ma tghamilx reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hatja bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk hija tikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu liberta kundizzjonata

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------